MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 86/2024-8**

**Il-Erbgħa, 21 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

86.1.1 Is-Sindku nfurmat lill-membri li ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji pero li l-Viċi Sindku, Sandra Grech ser tittardja.

**86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

86.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 85/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

86.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

86.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk dawn il-minuti ġew approvati.

**86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

86.3.1 Is-Sindku, Dr Marlene Cini ddikjarat kif kien hemm qbil bejn il-membri illi s-Sna Frances Cefai tiġi nominata ghal Premju Mara għal ħidma tagħha fil-kommunita'.

86.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Inġineer S. Mizzi ħejja l-offerta għal l-iskema ta' komunitajiet aktar siguri tas-CCTVs skema tad-DLG waqt li Marnol Sultana ħejja l-kwotazzjoni għal orchestra ta' l-Ispring Festival u l-illuminators li ser isiru b'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda. Fuq proposta tagħha l-membri qablu li l-bord t'evalwazzjoni għandu jkun magħmul minn W. Sultana, Chairman, membri Inġineer M. Cauchi, Accountant D. Galea u l-Av. L. Magrin. Is-Segretarja Odette Camilleri, s-Segretarja tal-Bord.

86.3.3 Infurmat lill-membri li l-Kunsill ssottometta l-applikazzjoni għal iskema maħruġa mill-LESA fejn inġabru l-istejjem u saret il-BOQ neċessarja mill-Perit tal-Kunsill għal bdil tal-Playing Field Equipment b'materjal li jiflaħ iktar għal elementi. Kompliet tgħid li l-Kunsill qed jistenna l-eżitu ta' din l-applikazzjoni.

86.3.4 Is-Sindku nfurmat lil membri li fil-West End Playing Field fil-Qbajjar Promenade liema playing field qed isir minn fondi tal-LESA hemm bżonn li jsiru l-points tad-dawl qabel ma jingħata l-konkos. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru minn R. Cauchi.

86.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri li sabiex tkun tista' tinħareġ l-offerta għal kisi ta' Triq il-Ponta hemm bżonn jiġu nfurmati s-service providers kollha sabiex ikunu jistgħu jgħaddu s-servizzi tagħhom qabel ma ssir it-triq. Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li l-bord t'evalwazzjoni għandu jkun magħmul minn W. Sultana, Chairman, membri Inġineer M. Cauchi, Accountant D. Galea u l-Av. L. Magrin. Is-Segretarja Odette Camilleri, s-Segretarja tal-Bord.

86.3.6 Fakkret lill-membri fil-laqgħa li ssir mal-Korp tal-Pulizija u l-Community Police li ser issir fit-28 ta' Frar 2024 fis-1.30 ta' wara nofsinhar fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

86.3.7 Infurmat lill-membri li t-trinka tad-dawl li trid issir qabel il-kisi mill-ġdid ta' Triq is-Sagħtrija hi stmata li tiswa €28,268.10. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li din għandha ssir mill-Ministeru għal Għawdex peress li fil-parti t'isfel saret minnhom. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob għal finanzjament ta' din it-trinka mingħand l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

86.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri li l-attivitajiet ta' l-Għid il-Kbir u l-Ġimgħa l-Kbira ser ikunu hekk:
Ser isiru purċissjonijiet tar-Redentur, id-Duluri, Ħadd il-Palm, tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Ħadd il-Għid.
Proponiet u l-membri qablu li issir ħarġa u egg hunt. Il-Kunsill jipprovdi s-sound fil-Pjazza u ssir ukoll attivita' fil-librerija.

**86.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

86.4.1 *Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

86.4.1.2 Talab sabiex issir rampa fid-Dabrani/Wied l-Abjad ta' J.Cini. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir minn M. Portelli.

86.4.1.3 Rigward it-talba ta' bozza ġdida fi Triq Dun Karm Cachia. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-Kunsill ma ngħatax permess sabiex teħel bozza peress li faċċata diġa hemm waħda. Talab sabiex issir site visit mal-Inġineer ta' l-Enemalta f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

86.4.1.4 Talab sabiex isir fanal fi sqaq fi Triq Għażżiela. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-Kunsill diġa għandu l-approvazzjoni tas-Sur B. Muscat sabiex jeħel fanal dekorattiv ma' tiegħu. Il-membri qablu li jitqabbad C. Gauci.

86.4.1.5 Informa lill-membri li l-playhouse tal-Playing field tal-Virtut għandha bżonn xi parts biex titranġa. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jiċċekja ma' Gokker Ltd f'dan ir-rigward.

86.4.1.6 Propona u l-membri qablu sabiex jinżebaħ iċ-ċint kulur it-terracotta ta' Triq Skappuċċina. Ix-xogħol għandu jsir mill-Għaqda tan-nar għal prezz ta' €300 u l-materjal jiġi provdut mill-Kunsill.

86.4.1.7 Propona u l-membri qablu li għandha tinżebaħ il-bankina bis-sealer tal-belvedere fi Triq Mons. G de Piro. Ix-xogħol isir minn M. Caruana.

86.4.1.8 Staqsa meta ser issir il-laqgħa tal-festa. Is-Sindku nfurmatu li l-Arċipriet kien indispost.

86.4.1.9 Staqsa jekk ix-Xwejni Music Fest hux ser isir din is-sena. Is-Sindku wieġbet li din is-sena dan ser jieħdu ħsiebu l-Ministeru għal Għawdex pero' l-bars ser jibqew xorta f'idejn l-għaqdiet tar-raħal.

86.4.2 *Il-Kunsillier, Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

86.4.2.1 Informa lill-membri li l-Playing Field taż-Żebbuġ għadu nofsu bla dawl. Talab sabiex issir tfakkira lil Kuntrattu tad-dawl.

86.4.2.2 Rigward dawl fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Mhelhel, talab sabiex il-Kunsill jiċċekkja jekk jistgħux jitwaħħlu bozzoz solari qabel ma titqatta' trinka. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekja f'dan ir-rigward ma l-Inġ. S Mizzi.

86.4.2.3 Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta rigward it-terrapien li nxeħet fil-Wied tal-Ħamra. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi ġie avviċinat min għamel dan ir-reat u mistenni li malli jeħles ix-xogħol li qed jagħmel fl-għalqa tiegħu dan jitneħħa u l-wied jerġa jiġi fl-istat oriġinali tiegħu.

86.4.2.4 Talab sabiex isir tfakkira sabiex is-sinjal tan-nofs ta' Triq l-Imgħallem jiġi maqtugħ u ma jibqax sinjal sħiħ. Ser terġa ssir talba mal-Gozo LC Works.

86.4.2.5 Talab sabiex il-Kunsill jagħmel dikjarazzjoni lis-Sur L. Zahra li l-Kunsill ser iwessa l-bankini. Qal li qed issir din it-talba peress li nħariġlu l-permess sabiex jagħmel restorant u għandu bżonn li jagħmel banju għax-xaħam taħt il-bankina. Kompla jgħid li l-bankina għandha bżonn titwessa pied tul il-binja tiegħu u tiġi pariġġ taċ-ċentru u dan sabiex ikun jista' joqgħod it-tank. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill ma jista' jagħti ebda permess biex titwessa l-bankina qabel ma jkollu l-approvazzjoni tal-PA. Ġie propost li l-Kunsill jiprovdi l-materjal tal-bankina sabiex din issir skond l-approvazzjoni li għandu s-sid mill-PA. Is-Sindku ddikjarat li hi mhix qed taqbel ma' din id-deċiżjoni.

*Il-Viċi Sindku, Sandra Grech skużat ruħha li ttardjat u daħlet fil-16.50 ta' filgħaxija.*

86.4.2.6 Talab sabiex il-personalized disabled bay ta' Triq Ħabel it-Twil ta' E. White titmexxa metru l-isfel. Il-membri qablu li din issir minn R. Refalo.

86.4.2.7 Talab sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu li din issir minn R. Refalo.

86.4.2.8 Talab sabiex jinbidel id-dawl li hemm fil-pilastri fi Triq Oniċi peress li baqa' minnhom li għadhom ma nbidlux. Il-membri qablu li jitqabbad N. Cassar.

86.4.2.9 Propona u l-membri qablu sabiex l-Kunsill jerġa jikteb permezz ta' l-Avukat lil Awtorita' ta' l-Artijiet rigward il-Batterija tal-Qbajjar sabiex il-Kunsill jingħata risposta minnufih.

86.4.2.10 Informa lil membri li N. Rapa li hu resident fi Triq il-Port fuq Pierre's Restaurant għandu bżonn jirranġa l-gallarija u talab lil Kunsill sabiex jikkordina ma l-Enemalta biex jinqalgħu l-wires minn mal-faċċata. Is-Sindku nfurmatu li mhux suppost li l-Kunsill jidħol f'dawn l-affarijiet pero l-Kunsill xorta ser javviċċina lil Inġinier ta' l-Enemalta f'dan ir-rigward.

86.4.2.11 Rigward it-talba li saret mill-Kunsill sabiex isir single yellow line quddiem l-ispiżerija u ftit il-fuq fi Triq Kappillan Franġisk Vella; propona u l-membri qablu li jerġa jintalab il-permezz ta' Transport Malta sabiex is-sinjali jitwalu peress li dik il-parti tat-triq hija dejqa.

86.4.2.12 Talab sabiex issir tfakkira lit-Taqsima tal-Beaches sabiex jeħel is-sellum tax-Xwejni.

86.4.2.13 Talab sabiex isir railing ta' l-istainless steel fuq il-moll tax-Xwejni. Il-membri qablu li jitqabbad J. Hili.

86.4.2.14 Informa lil membri li ġie nfurmat mill-Kuntrattur li ma jistax jibda' ix-xogħol ta' kisi tas-soqfa tal-latrina tal-Qbajjar Promenade u dan peress li s-saqaf għandu bżonn jitranġa għax dieħel l-ilma. Propona u l-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex l-istore li hemm mal-latrina jingħata lil Kunsill sabiex minflok isir uffiċċju tal-Kunsill.

86.4.2.15 Ġibed l-attenzjoni tal-membri li Triq is-Sagħtrija trid tkun miksija sa' l-aħħar t'April u wera t-tħassib tiegħu li dan mhux ser iseħħ. Is-Sindku nfurmatu li l-Kuntrattur qed nċemplulu ta' kuljum biex jibda' u jeħles ix-xogħol.

86.4.2.16 Ġibed l-attenzjoni kif Infrastructure Malta ser jibdew ix-xogħlijiet fuq l-islip way u l-moll tal-Qbajjar mingħajr ma l-Kunsill ġie nfurmat.

86.4.3 *Il-Kunsillier, Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

86.4.3.1 Talab sabiex isiru tfakkiriet rigward:
Il-bini mill-ġdid ta' Triq ir-Rabat.
Isir il-patching neċessarju ta' Triq is-Sagħtrija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dan għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill il-ġimgħa d-dieħla.
Tinżebaħ iż-żebra crossing ta' Triq ir-Rabat. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li din ma tistax tinżebaħ peress li tinsab quddiem garaxx u għalhekk talab sabiex jinstab post alternattiv, kif ukoll l-Kunsill jara jekk jistgħux jitwaħħlu pedestrian lights li jaħdmu b'sistema solari. Il-membri qablu li għandhom jiġu avviċinati Transport Malta.
Issir Traffic Management ta' Triq Għajn Mhelhel mill-Perit tal-Kunsill

86.4.3.2 Talab sabiex jinbena ħajt żgħir fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu li dan għandu jsir minn J. Saliba mhux kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

86.4.3.3 Talab sabiex tingħata tfakkira fuq il-Gozo LC Works rigward il-ħajt li qed iċedi fi Triq ix-Xagħra. Il-Kunsillier Daniel Cordina infurmah li ser isir il-piling neċessarju.

86.4.3.4 Talab sabiex tintbgħat tfakkira biex jeħel l-arblu għal bandiera fi Triq il-Knisja fejn Ġnien iż-Żebbuġ u li kien ġie deċiż li jsir minn C. Xuereb.

86.4.3.5 Talab sabiex jitwaħħal mill-ġdid ir-railing fejn jintrabtu r-roti fi Pjazza l-Assunta. Il-membri qablu li dawn għandhom jeħlu fejn it-telephone box.

86.4.3.6 Staqsa meta ser jibdew jeħlu l-fanali l-ġodda ta' Triq Santa Marija u l-Qbajjar. Is-Sindku nfurmatu li dawn huma mistenniha li jibdew jitwaħħlu fl-aħħar ta' Frar 2024.

86.4.3.7 Talab sabiex terġa tingħata tfakkira lil N. Cassar sabiex iwaħħal floodlights fil-qbajjar promenade minħabba n-nuqqas ta' dawl.

86.4.3.8 Talab sabiex jeħlu tabelli No dogs allowed fil-Bajja tal-Qbajjar. Is-Sindku nfurmatu li dawn it-tabelli jeħlu wara Mejju 2024 sabiex ma jitqaċtux bil-maltemp.

86.4.3.9 Staqsa fhiex wasal ix-xogħol ta' twaħħil ta' bus shelter ġdida fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku nfurmatu li għad hemm għaddejjin xi diskussjonijiet f'dan ir-rigward mill-Assoċ. Kunsilli Lokali.

86.4.3.10 Talab sabiex issir tfakkira għaċ-charging pillars li kellhom jeħlu fejn propona l-Kunsill.

86.4.3.11 Informa lil membri li fi Triq Barda nqalgħu bankina u rampa li għandhom bżonn jerġgħu isiru. Il-membri talbuħ sabiex jibgħat ritratt tax-xogħol li qed jintalab u qablu li ix-xogħol isir minn M. Portelli jekk ikun hemm qbil fuq whatsapp bejniethom.

86.4.3.12 Talab sabiex teħel floodlight mad-dar ta' l-Arċipriet fi Triq ix-Xagħra kantuniera ma Pjazza San Pawl li tkun qed iddawwal Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu li x-xogħol isir minn R. Cauchi.

86.4.3.13 Propona u l-membri qablu sabiex jinżebgħu id-double yellow lines fil-kantuniera fejn hemm il-bank fi Triq is-Sajjied. Ix-xogħol għandu jsir minn R. Refalo.

86.4.3.14 Talab sabiex titranġa mill-aktar fis possibli t-tappiera tal-ħadid li hemm fi Triq ix-Xagħra peress li perikoluża. Is-Sindku nfurmatu li hemm diversi korrispondenza dwar din it-tappiera mal-GO plc.

86.4.3.15 Rigward il-laqgħa li l-Kunsill kellu ma Transport Malta fuq il-ħinijiet ta' l-għeluq tal-Menqa. Il-Kunsilliera Baskal Saliba u Daniel Cordina li l-ħinijiet jibqgħu l-istess u kif proponew is-sidien tar-restoranti tal-Menqa li fis-Sajf tingħalaq mod u fix-Xitwa ħinijiet differenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jixtiequ li tingħalaq kif kien fl-antik jiġifieri fis-Sajf tingħalaq bejn il-5pm u 1am mit-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi tingħalaq minn 12.00pm – 4pm u mill-5pm sas-1am. Is-Sindku nfurmatu li dawn il-ħinijiet ma humiex kif kienu talbu huma stess u ffirmaw waqt laqgħa li saret fil-Kunsill u fakkritu li Transport Malta ma jixtiqux li l-ħinijiet ta' Triq il-Port ikunu differenti minn dawk tal-Menqa. Għaldaqstant il-membri qablu li terġa ssir laqgħa mas-sidien tar-restoranti tal-Menqa f'dan ir-rigward.

86.4.3.16 Rigward il-permess mogħti mill-ERA rigward il-qlugħ ta' siġar minn Triq ir-Rabat/ Triq Marsalforn fejn sostna x'inhi r-raġuni għaliex il-Kunsill ma ġix infurmat u lanqas saret konsultazzjoni miegħu f'dan ir-rigward. Sostna li l-Kunsill m'għandhux joqgħod bi kwietu. Il-membri qablu li tintbgħat korrispondenza lil ERA u tinġibed l-attenzjoni li kellha ssir konsultazzjoni mal-Kunsill qabel joħroġ dan it-tip ta' permess.

86.4.4 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

86.4.4.1 Ġibdet l-attenzjoni tal-membri li d-dawl ta' Triq ir-Rabat qatt ma xegħel. Għandha terġa ssir tfakkira.

86.4.4.2 Talbet sabiex jinġabru l-boroż li hemm mormija fi Triq Wied l-Infern. Ġiet infurmata li sar tindif mill-Out Cast Project.

86.4.3.3 Talbet sabiex jinbena l-ħajt fis-sit abbandunat li hemm fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq it-Torn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li sabet ta' min hu s-sit u għaddejjin id-diskussjonijiet neċessarji sabiex jinbnew is-7 filati ħajt kif titlob il-liġi.

86.4.3.4 Talbet sabiex issir tfakkira rigward il-magna tal-BCRS ta' Marsalforn peress li għada mhux qed taħdem.

86.4.3.5 Staqsiet meta ser teħel il-pittura li kienu ħejjew it-tfal tas-St Francis School rigward l-alka. Is-Sindku nfurmata li kif kien ġie deċiż dawn ser jeħlu fejn l-għassa fil-bidu tas-Sajf.

86.4.3.6 Issottomettiet id-disinn li ħejja l-artist Mario Cassar ta' I love Marsalforn. Il-membri qablu li dan id-disinn għandu jsir. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li dan għandu jitpoġġa fuq il-latrina tal-Qbajjar Promenade u jsir b'perspex oħxon. Il-membri qablu li għandhom jinġabu l-qisien u tintalab kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

**86.5 Approvazzjoni tar-raba Rapport ta' Kull Kwart Jan-Dec 2023**

Is-Sindku stiednet lil Accountant tal-Kunsill sabiex jingħaqad b'kollegament telefoniku sabiex jagħti spjegazzjoni rigward dan ir-rapport. Wara li ta' l-ispjegazzjoni informa lil membri li l-Kunsill għalaq is-sena b'FSI negattiv ta' 13%. Is-Sindku staqsiet jekk id-dejn li hemm ta' madwar €77,000 hux minħabba l-Playing Field taż-Żebbuġ. Dan ikkonferma fl-affermattiv.

**86.6 Approvazzjoni tal-Unaudited Fiancial Statements 2023**

Ġie sottomess l-Unaudited Financial Statements tas-sena 2023. Wara li l-accountant tal-Kunsill ta' l-ispjegazzjoni tiegħu, l-membri approvaw l-unaudited financial statements.

## 86.7 Jum iż-Żebbuġ 2024

Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li nhar l-Erbgħa, 24 t'April 2024 issir ħarġa għal Malta għar-residenti. Il-Ġimgħa, 26 t'April 2024 issir quddies ta' radd il-ħajr fis-7pm fil-Knisja ta' Marsalforn. Is-Sibt, 27 t'April 2024 issir ċerimonja fil-Każin tal-Banda fit-8pm u jsir diskors minn kull membru tal-Kunsill. Il-Ħadd, 28 t'April 2024 issir attivita' għal familja fi Pjazza l-Assunta u t-tberik ta' l-Annimali fid-9am waqt li fil-10.30am issir quddies ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja ta' l-Assunta fiż-Żebbuġ. Is-Sindku nfurmathom li l-iskola Primarja talbu sabiex issir intervista' mill-istudenti mal-membri tal-Kunsill. Infurmat ukoll lil membri li ser ikun qed jissottometti applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja mal-Cultural Funds.
Fuq proposta tas-Sindku, il-membri qablu unanimament li Ġieħ iż-Żebbuġ jingħata lil Marnol Sultana, Segretarju tal-Banda Santa Marija Żebbuġ għal ħidma siewja tiegħu fir-raħal taż-Żebbuġ.

## 86.8 Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024

Is-Sindku, Dott. Marlene Cini infurmat lil membri li nħarġu ħames skemi fejn il-Kunsill Lokali jista' japplika. Il-membri qablu li:

SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025 – Il-Kunsill japplika sabiex għat-tielet sena konsekuttiva terġa ssir l-attivita' tan-Natale Sul Colle.
L-applikazzjoni tagħlaq fis-26 ta' Marzu 2024.

SPI/SCI/10/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex – Il-Kunsill juri nteress sabiex fir-roundabout ta' Triq il-Qbajjar jitpoġġew il-bankijiet, jsiru xi passaġġi u tiġi mdawra bir-railing din ir-roundabout sabiex tkun tista' tintuża bħala post ta' rikreazzjoni.
L-espressjoni ta' nteress tagħlaq fid-29 ta' Marzu 2024.

SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komuitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi – Il-Kunsill japplika sabiex jitwaħħlu bankijiet, picnic benches u jiżdiedu l-passaggi sabiex is-soft area li hemm fejn il-playing field tal-Qbajjar Promenade tibda' titgawda mill-pubbliku.
L-applikazzjoni tagħlaq fid-9 t'April 2024.

SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa – Il-Kunsill japplika għal Clean-Up-Event fil-World Clean Up Day, jinxtraw aktar street bins sabiex jitwaħħlu f'Marsalforn u jiġu provduti r-recycle grey bags lir-residenti b'hekk il-Kunsill ikun qed iħeġġeġ aktar lir-residenti tiegħu sabiex jisseparaw l-iskart tagħhom.

L-applikazzjoni tagħlaq fil-31 ta' Mejju 2024.

SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali - Il-Kunsill japplika sabiex jirranġa l-bejt tal-latrina tal-Qbajjar Promenade peress li dieħel l-ilma fil-latrina, jitpoġġew bankijiet fuq l-istess bejt u jsir il-pavimentar neċessarju kif ukoll jitranġaw il-latrini ġa eżistenti fejn jinbidel il-madum, is-sistemi sanitarji u jitranġaw l-isfqa.
L-applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta' Ġunju 2024.

## 86.9 Materji Oħra

86.9.1 Rigward l-Evaluation Reports li diġa tressqu fil-laqgħa preċedenti, s-Seg. Eżekuttiv infurmathom li dawn qed jerġew jitressqu peress li ngħalqu ħażin minn naħa tal-Bord.
Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li
ZGLC/CFQ/02/2023 tingħata lil TK Communications.
ZGLC/CFQ/06/2023 tingħata lil Charlie Curmi Metal Works.
ZGLC/CFQ/03/2023 tingħata lil James Cutajar.

86.9.2 Talba mingħand M. Zammit ta' Triq Skappuċċina fejn infurmat lil Kunsill li niżlet il-fossa tad-drenaġġ. Din tinsab taħt ir-rampa tal-garaxx tagħha fit-triq. Il-membri qablu li din tingħata l-konkos neċessarju sabiex titranġa.

86.9.3 Talba mingħand E. Farrugia sabiex il-Kunsill jagħmel il-bankina u jirranġa t-taraġ ta' Triq Barda sa Mejju 2024. Il-membri qablu li s-sid għandu jagħmel talba mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

86.9.4 Talba mingħand R. Young ta' Triq Għajn Mhelhel sabiex iwaħħal No Parking fil-kantuniera ta' ġewwa ta' l-isqaq biex ma jipparkjawx il-karozzi għax ma jistgħux jduru. Il-membri qablu li din għandha teħel.

86.9.5 Talba mingħand l-Awtur Simon Salafia sabiex il-Kunsill jixti 2 volumi ta' kotba - Gozitan place Names li jiswew €150. Il-membri qablu li dawn jinxtraw sabiex jitpoġġew fil-librerija.

86.9.6 Talba mingħand A. Cini ta' Triq Skapuċċina fejn qed jitlob għal Disabled Parking Bay quddiem id-dar tiegħu. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

86.9.7 Talba mingħand M. Vella sabiex titneħħa ir-rampa tal-konkos mill-għalqa tagħha fi Triq taċ-Ċaqra peress li saret mingħajr il-kunsens tagħha snin ilu. Il-membri qablu li din għandha titneħħa.

86.9.8 Talba mingħand A Grech li joqgħod fi Triq is-Sajjied fejn talab sabiex titranġa ir-rampa li għandu li tagħti għal garaxx tiegħu. Il-membri qablu li din għandha ssir minn M. Spiteri.

86.9.9 Rigward l-isleeping policeman li ngħata permess għalihom sabiex jiġu nstallati fi Triq il-Wied minn Transport Malta. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru minn M. Caruana.

86.9.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kuntratt ta' Xerri's Landscaping ġie ffirmat f'Novembru 2021 li jiġġedded sena b'sena. Fi Frar 2022 ġie ffirmat kuntratt ieħor mal-BE Clean li ukoll jiġġedded sena b'sena. Il-BE Clean ukoll jieħu ħsieb il-ġonna tal-playing field taż-Żebbuġ fost oħrajn. Għaldaqstant proponiet sabiex il-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' Xerri's Landscaping jitwaqqaf sabiex il-Kunsill ma jħallasx għal istess xogħlijiet ma' żewġ kuntratturi. Kompliet tgħid li l-Kunsill irċieva kont ta' l-fuq minn €1,600 għat-tisqija taż-Żebbuġ Playing Field mingħand kuntrattur li jipprovdi l-ilma. Xerri's informa lil dan sabiex ma jinfurmax lil Kunsill li l-fornitur ta' l-ilma qed idaħħal mal-kont tiegħu 2 ħaddiema li ġew provduti mill-fornitur ta' l-ilma kull darba li kien qed isaqqi l-ġnien. Minħabba dan l-abbuż min-naħa tal-kuntrattur il-membri qablu li l-Kuntratt ta' Xerri's Landscaping Ltd għandu jiġi tterminat b'mod immedjat u skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jingħata notice ta' xahar.

86.9.11 Talba mingħand N. Vella ta' Triq iċ-Ċaqra sabiex tinbidel il-bankina. Il-membri qablu li din titniżel mal-lista sabiex issir.

86.9.12 Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri fuq l-Aged Debtors Analyses peress li l-Kunsill għandu xi debtors u peress li għadhom jidhru fuq il-kontijiet tal-Kunsill talbet sabiex jiġu written-off fuq partir tal-accountant tal-Kunsill. Dawn huma tal-LESA - Administration fees/contravensions tas-snin 2017 u 2018 li jammontaw għal €175.23, LES administration tas-South Region tas-sena 2015 li jammontaw għal €38.41 u tal-Wasteserv tas-sena 2016 li jammontaw għal €1,642.55. Il-membri qablu li dawn għandhom jiġu written-off.

86.9.13 L-artist V. Cini ssottometta d-disinn tiegħu għal Welcome to Xwejni. Il-membri ma aċċettawx dan id-disinn u proponew li jsir gwarniċ bil-bank u jeħel fuq il-latrina tax-Xwejni.

86.9.14 Talba mingħand M Scicluna sabiex il-yellow line ta' quddiem l-entratura fi Triq ix-Xagħra jitneħħa peress li kienet saret minħabba ommha u issa ma baqax bżonnu. Il-membri qablu.

86.9.15 Talba mingħand Tarxien Youth Centre fejn talbu lil Kunsill sabiex jagħtu b'donazzjoni l-ktieb ' Zebbug of Gozo' ta' Profs Vella għal librerija tagħhom. Il-membri qablu.

86.9.16 Emejl mir-Reġjun Għawdex fejn staqsew jekk il-Kunsill hux involut fir-restawr tal-Batterija tal-Qbajjar peress li din il-materja tqajmet waqt laqgħa tar-Reġjun. Il-membri qablu li għandha tintbgħat risposta li l-Kunsill jinsab jaħdem b'kollaborazzjoni ma Din l-Art Ħelwa għar-restawr ta' din il-Batterija u saru diversi korrispondenzi mal-Awtoritajiet konċernati.

## 86.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 55/2024 għall-perjodu ta' Frar 2024 li tammonta għal €124,659.87 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Daniel Cordina mhux qed japprova l-kont Pauline Cordina bin-numru 94 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minn familjari tiegħu.

## 86.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-18.45 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv